# Analiżi Fonetika u Fonoloġika tad-Djalett Imġarri

Studenta:
Yasmin Camilleri

Tutur:
Is-Sur Ruben Farrugia

## 1. Daħla

F'dan l-artiklu se tingħata ħarsa fonetika u fonoloġika lejn id-djalett Imġarri, varjetà mitkellma fil-Punent ta' Malta. L-Imġarr fih ftit iżjed minn tmien kilometri u sal-aħħar ċensiment, jiġifieri tal-2011, fih kienu jgħixu 3,449 ruħ. Tajjeb jingħad li l-kwiet u l-ambjent rurali ta' dan ir-raħal ġibdu nies minn diversi lokalitajiet, u dan l-aħħar il-popolazzjoni qed tikber ġmielha. Madankollu d-djalett Imġarri għadu jiġi mitkellem minn ħafna Mġarrin, u fl-analiżi ta' dan l-istudju se tinħareġ is-sistema vokalika ta' dan id-djalett, u wara, kull vokali se tiġi deskritta minn aspett fonoloġiku.

## 2. Il-Metodoloġija

Din ir-riċerka fonetika u fonoloġika hi bbażata fuq numru ta' rekordings minn kelliema nattivi tad-djalett Imġarri. Sabiex inħarġet is-sistema vokalika tad-djalett Imġarri, żewġ kelliema nattivi tal-varjetà Mġarrija ġew mitluba jaqraw sentenzi bil-pari minimi tad-djalett Imġarri. Min-naħa l-oħra, l-analiżi fonoloġika hi bbażata fuq erba' intervisti differenti ma' kelliema tad-djalett mistħarreġ. Barra minn hekk, tħejja kwestjonarju sabiex jimtela mis-sitt parteċipanti sabiex jinħareġ ukoll l-isfond soċjolingwistiku tal-informanti.

### 2.1. Il-Parteċipanti

Il-parteċipanti, kemm dawk tal-pari minimi kif ukoll tal-intervisti, intgħażlu skont serje ta' kriterji sabiex tinżamm konsistenza matul ir-riċerka kollha.

Għaldaqstant għall-parti fonetika ta' dan l-istudju ħadu sehem żewġ parteċipanti: raġel u mara, u għall-parti fonoloġika ta' dan l-istudju ġew intervistati erba' parteċipanti: żewġ nisa u żewġt irġiel, sabiex jinżamm bilanċ bejn iż-żewġ sessi. Barra minn hekk, kien importanti li d-data tingabar miż-żewġ sessi sabiex il-varjabbli soċjolingwistiku tas-sess jinżamm kostanti u ovvjament, minħabba li d-djalett jiġi mitkellem miż-żewġ sessi.

It-tieni rekwiżit li bih ġew magħżula l-informanti għal dan l-istudju kien li kull parteċipant ried ikollu età li tvarja bejn l-40 u l-55 sena. Ġie magħżul grupp ta' età medja, minħabba li fiż-żgħażagħ hemm it-tendenza li jużaw forom mhux-Standard, filwaqt li l-anzjani jħaddnu ċerti varjanti konservattivi, kif jgħidu Evans Wagner (2012) u Eckert (1998) rispettivament. Għalhekk, sabiex tingħata analiżi sinkronika ta' din il-varjetà djalettali, ġie konkluż li dan il-grupp ta' età huwa l-aktar wieħed li jitbiegħed mill-innovazzjonijiet lingwistiċi u minn diskors arkajku.

Apparti minn hekk, kien importanti li l-parteċipanti jkunu twieldu u dejjem għexu fl-Imġarr biex kemm jista' jkun titnaqqas l-influwenza lingwistika ma' djaletti ta' rħula oħra.

L-aħħar kriterju tal-għażla tal-informanti kien li tal-anqas, ġenitur wieħed ta' kull informant ried ikun mill-Imġarr ukoll, sabiex tkompli tiġi minimalizzata l-probabbiltà tat-taħlit fil-pronunzja ma' varjetajiet djalettali oħra.

Fuq kollox, kien neċessarju li kull parteċipant ikun kelliem nattiv tad-djalett Imġarri għax kieku ma kinux, riċerka bħal din ma setgħetx tkun possibbli.

## 2.2. L-Intervisti

L-għan ewlieni tar-rekordings tal-intervisti kien sabiex kull vokali li tappartjeni għad-djalett Imġarri tiġi analizzata fonoloġikament. Barra minn hekk, ir-rekordings tal-intervisti kienu ta' għajnuna wkoll sabiex tiġi stabbilita s-sistema vokalika ta' dan id-djalett. Sabiex inħarġu l-vokali tad-djalett Imġarri, l-ewwel kellhom isiru r-rekordings tal-intervisti u l-qari tal-pari minimi, imbagħad kellha ssir traskrizzjoni tar-rekordings bl-AFI, u permezz tat-traskrizzjonijiet inħarġu l-vokali kollha li hu mogħni bihom id-djalett tal-Imġarr.

Matul is-sessjoni tar-rekording tal-intervisti, l-erba' informanti ġew mitluba biex jitkellmu permezz tat-taħdit spontanju. Skont Gibbon (2009), dan il-mod ta' taħdit huwa diskors naturali, mhux ippreparat minn qabel, li normalment iseħħ f'kuntesti informali. Tant hu hekk, li għandu l-kapaċità li jqanqal it-taħdit naturali tal-kelliema (Starks u McRobbie-Utasi, 2001). Għaldaqstant sabiex kemm jista' jkun jinħoloq ambjent informali, il-maġġoranza tar-rekordings seħħew f'dar ta' kelliema nattiva li l-parteċipanti normalment jiffrekwentaw u li fiha jitkellmu bid-djalett. Tajjeb jingħad li ntgħażel dan il-metodu ta' taħdit waqt ir-rekording tal-intervisti sabiex id-diskors tal-parteċipanti jitqarreb lejn id-diskors tagħhom ta' kuljum u jitbiegħed mill-Malti Standard.

## 2.3. Il-Pari Minimi

Il-par minimu hu sett ta' żewġ kelmiet b'tifsiriet differenti, li jvarjaw f'ħoss fonemiku wieħed fl-istess pożizzjoni (Fasold u Connor-Linton, 2013). Madankollu f'dan l-istudju, il-varjazzjoni fil-ħoss fonemiku kienet biss vokalika, minħabba li l-għan ta' din ir-riċerka kien li jinħarġu d-differenzi vokaliċi. Fost diversi pari minimi li nstabu, "barra" /ˈbɐrrɐ/ u "borra" /ˈbʊrrɐ/, "deheb" /dɛːp/ u "dab" /dʊːp/, "bjad" /bjʊːt/ u "bjut" /bjuːt/, u "għemeż" /ˈɛːmɛs/ u "hemeż" /ˈɛːmɪs/ huma pari minimi fid-djalett Imġarri.

Għall-parti fonemika tal-istudju, il-parteċipanti kellhom jaqraw lista ta' sentenzi bil-pari minimi infilzati fihom b'mod sistematizzat. Għaldaqstant kien essenzjali li kull par minimu ma jinqarax b'mod indipendenti, iżda f'kuntest ta' sentenza. Apparti hekk, kull kelma fil-par minimu ma setgħet titpoġġa la fil-bidu u lanqas fil-pożizzjoni aħħarija tas-sentenza, sabiex tiġi evitata l-waqfa pawsali, li hija forma li, minħabba l-pożizzjonijiet li tokkorri fihom għandha l-kapaċità li tibdel il-pronunzja tal-kelma, l-aktar fil-vokali jew fl-aċċent (Revell, 2012). Għaldaqstant sabiex tingħata stampa ċara tad-djalett Imġarri kif inhu mitkellem illum, kull par minimu kellu jinqara f'kuntest.

## 2.4. Il-Kwestjonarju

Apparti l-irwoli li ngħataw lis-sitt informanti li ħadu sehem f'dan l-istudju, dawn kellhom ukoll jimlew kwestjonarju maqsum fi tliet taqsimiet. L-iskop tiegħu ma kienx wieħed soċjolingwistiku, iżda sabiex tingħata ħarsa lejn l-isfond lingwistiku ta' kull parteċipant. Dan għax fil-kwestjonarju kull informant intalab jirrispondi kif iħares lejn il-Malti Standard, id-djalett Imġarri u anke lejn djaletti oħra f'Malta u Għawdex.

Fost fatturi oħra li nħarġu minn dan il-kwestjonarju, deher li l-parteċipanti kollha li ħadu sehem fl-istudju huma ta' klassi soċjali medja. Apparti hekk, fil-kwestjonarju, il-maġġoranza tal-informanti kitbu li ħafna nies jaħsbuhom Għawdxin malli jibdew jitkellmu. Din l-osservazzjoni interessanti dehret ukoll fir-riżultati minħabba li dan id-djalett għandu xi karatteristiċi li jixbhu lid-djaletti Għawdxin, aktar milli d-djalett ta' Marsaxlokk, l-uniku djalett f'Malta li ġie mistħarreġ qabel dan l-istudju.

## 3. L-Analiżi Fonetika tad-Djalett Imġarri

Il-bażi ta' din ir-riċerka fonetika u fonoloġika kienet li tiġi stabbilita s-sistema vokalika tad-djalett Imġarri, għax fuqha setgħet tinbena l-analiżi fonoloġika ta' kull vokali. Għaldaqstant id-djalett Imġarri huwa wkoll mogħni bil-karatteristiċi tipiċi tiegħu li jagħmluh djalett uniku. Dan jikkonferma t-teorija ta' Azzopardi-Alexander (2011) li, għalkemm il-gżejjer Maltin huma żgħar, xorta waħda kull djalett għandu s-sistema vokalika tiegħu.

Kif jidher f'Figura 2.1, f'dan l-istudju nstab li d-djalett tal-Imġarr iħaddan 15-il vokali f'oppożizzjoni fonemika: erbgħa vokali iżjed mill-Malti Standard. Dawn jistgħu jinqasmu fi tliet settijiet differenti; il-vokali quddemin u magħluqin: /ɪ/, /ɪː/, /iː/ u /y/, il-vokali semimiftuħin u ċentrali ta' quddiem: /ɛ/, /ɛː/, /ɐ/, /ɐː/, /æ/ u /æː/, u dawk semimiftuħin u magħluqin ta' wara: /ɔ/, /ɔː/, /ʊ/, /ʊː/ u /uː/. Tajjeb jingħad li s-sistema vokalika ta' dan id-djalett hija identika għal dik ta' żewġ djaletti Għawdxin: dik ta' Ta' Sannat u t'Għajnsielem.




*Figura 2.1. Is-Sistema Vokalika tad-Djalett Imġarri*

Waqt li l-Malti Standard għandu tliet vokali quddemin u magħluqin: /ɪ/, /ɪː/ u /iː/, id-djalett Imġarri jħaddan fonema vokalika iżjed, l-/y/. Jekk tingħata ħarsa lejn it-tieni sett ta' vokali, waqt li l-Malti Standard huwa mogħni bil-vokali /ɛ/, /ɛː/, /ɐ/ u /ɐː/, fid-djalett Imġarri hemm iż-żieda tal-fonemi vokaliċi /æ/ u l-/æː/. Fil-każ tal-aħħar sett, il-Malti Standard huwa magħmul minn erba' vokali warranin: /ɔ/, /ɔː/, /ʊ/ u /uː/ għax l-/ʊː/ titqies bħala allofon tal-/uː/. Għall-kuntrarju ta' dak li jiġri fil-Malti Standard, fl-Imġarri l-/ʊː/ tagħmel parti mis-sistema vokalika.

## 3.1. Id-Dittongi fid-Djalett Imġarri

Filwaqt li l-Malti Standard iħaddan seba' dittongi, fid-djalett Imġarri jinstabu tmienja, li huma: /ɐj/, /ɐw/, /ɛj/, /ɛw/, /æj/, /æw/, /ɔj/ u /ɔw/. Għalkemm sitta minnhom huma identiċi għall-Malti Standard, id-dittongi /æj/ u /æw/ jinstabu biss fl-Għajnselmiż, mid-djaletti li ġew mistħarrġa s'issa. Tajjeb jingħad li bħall-Malti Standard u d-djaletti studjati s'issa, id-dittongi fl-Imġarri jingħalqu u jikkonverġu fis-semivokali /j/ jew /w/.

Id-distribuzzjoni tad-dittongi /ɐj/ u /ɐw/ fl-Imġarri hija simili għal dik tal-Malti Standard, kif jidher fl-eżempji "innutajna" /ɪnnʊˈtɐjnɐ/ u "hawnhekk" /ɐwˈnɛkk/, rispettivament. Madankollu fil-verb "ngħidulhom", ippronunzjat /nɐjˈduːlɪm/, id-dittong /ɐj/ jokkorri minflok id-dittong /ɛj/ tal-Istandard u f'kelma bħal "sewwa" /ˈsɐwwɐ/, id-dittong /ɛj/ tal-Malti Standard isir /ɐw/ fid-djalett Imġarri.

Għalkemm f'ċerti każijiet id-dittongi /ɛj/ u /ɛw/ jaħdmu bħall-Malti Standard, f'kuntesti oħra d-distribuzzjoni tagħhom tvarja. Tant hu hekk, li d-dittong /ɛj/ jokkorri kemm minflok il-vokali quddemija /iː/ tal-Istandard, kif ukoll minflok il-vokali f'oppożizzjoni għaliha /ɪː/, kif jidher fil-kliem "butir" /bʊˈtɛjr/ u "riħ" /rɛjh/, rispettivament. Min-naħa l-oħra, id-dittong /ɛw/ fl-Imġarri jidher ukoll fi kliem li jinkludi l-"għu", li tiġi pronunzjata permezz tad-dittong /ɐw/, kif jidher fil-verb "jaqtgħu" /ˈjɛʔtɛw/.

Id-dittong /æj/ fid-djalett Imġarri jidher fejn fil-Malti Standard jiġi pronunzjat id-dittong /ɛj/, kif jiġri fil-kelma "xejn" /ʃæjn/. Simili għal dan id-dittong, ġeneralment id-dittong /æw/ fl-Imġarri jokkorri minflok id-dittong /ɛw/ tal-Istandard, kif jindika l-eżempju "l-ewwel", ippronunzjat /ˈlæwwɪl/.

Kemm id-dittong /ɔj/, kif ukoll id-dittong /ɔw/ fid-djalett Imġarri għandhom l-istess realizzazzjoni fonoloġika għal dik tal-Malti Standard. Tant hu hekk li, apparti li d-dittong /ɔj/ okkorra fil-kelma "vojt" /vɔjt/, instabu diversi każijiet fejn dawn iż-żewġ dittongi nstabu fi kliem li ġej mill-Ingliż, pereżempju "toys" /tɔjs/ u "toast" /tɔwst/.

## 3.2. L-Omonimi

Il-kliem omonimu jkollu forma ortografika u fonoloġika waħda, iżda t-tifsir ikun differenti. Madankollu, minħabba d-differenzi vokaliċi fil-varjetajiet djalettali, ċertu kliem omonimu fil-Malti Standard ma jibqax omonimu f'xi djaletti. Fil-każ tad-djalett Imġarri nstabu xi omonimi li, għalkemm huma omonimi fl-Istandard, fl-Imġarri ma jitqisux bħala omonimi, minħabba d-differenza fil-pronunzja. Uħud minn dawn jidhru fit-tabella t'hawn taħt:

**Tabella 1: L-Omonimi fil-Malti Standard f'kuntrast mal-Imġarri**

| Il-Malti Standard | Id-Djalett Imġarri | Tifsir |
|---|---|---|
| /ˈkɛrɐ/ | /ˈkɪræ/ | "kera" (n. sg. f.) |
| | /ˈkɛræ/ | "kerha" (aġġ.) |
| /zɐːr/ | /zʊ̈ːr/ | "żgħar" (aġġ.) / "żar" (v.) |
| | /zɐːr/ | "żahar" (n. sg. m.) |
| /dɐːr/ | /dɐːr/ | "dahar" (n. sg. m.) |
| | /dʊ̈ːr/ | "dar" (n. sg. f.) |

Min-naħa l-oħra, instab ukoll xi kliem li mhuwiex omonimu fil-Malti Standard, iżda huwa omonimu fid-djalett Imġarri. Dan jiġri minħabba l-pronunzja vokalika differenti fl-Istandard u fl-Imġarri. Fit-tabella t'hawn taħt jistgħu jidhru xi omonimi li huma tipiċi għall-varjetà Mġarrija:

**Tabella 2: L-Omonimi fl-Imġarri f'kuntrast mal-Malti Standard**

| Id-Djalett Imġarri | Il-Malti Standard | Tifsir |
|---|---|---|
| /dʊ̈ːn/ | /dɔːn/ | "don" (n. sg. m.) |
| | /dɐːn/ | "dan" (pron. dim.) |
| /ˈʊ̈ːrfɐ/ | /ˈɐːrfɐ/ | "għarfa" (n. sg. f.) |
| | /ˈɔːrfɐ/ | "għorfa" (n. sg. f.) |
| /pʊ̈nt/ | /pɔnt/ | "pont" (n. sg. m.) |
| | /pʊnt/ | "punt" (n. sg. m.) |

## 4. L-Analiżi Fonoloġika tad-Djalett Imġarri

Kif diġà ntqal fit-taqsima preċedenti, minn din ir-riċerka nstab li d-djalett Imġarri jħaddan 15-il vokali li jinsabu f'oppożizzjoni fonemika. Deher ukoll li dawn il-vokali jistgħu jinqasmu fi tliet taqsimiet: il-vokali quddemin, li jiġu artikolati fil-parti quddemija tal-ħalq; il-vokali semimiftuħa u ċentrali ta' quddiem u l-vokali warranin, li jitlissnu fil-parti warranija tal-ħalq. Għaldaqstant f'din il-parti fonoloġika tal-istudju se jiġu diskussi s-sejbiet ewlenin tal-fonemi vokaliċi li jappartjenu għad-djalett Imġarri.

F'diversi kuntesti l-vokali quddemija /iː/ tokkorri bħall-Malti Standard, kif jidher fl-eżempju "qisha" /ˈʔiːsɐ/. Madankollu tista' tidher ukoll minflok il-vokali /ɪ/ jew l-/ɪː/ tal-Istandard, li huma f'oppożizzjoni għaliha, bħalma jixhdu l-kliem "niġi" /ˈniːdʒɪ/ u "triq" /triːʔ/ rispettivament. Barra minn hekk, instabu wkoll diversi każijiet fejn l-/iː/ okkorriet minflok l-/ɪ/ tal-Malti Standard fil-pożizzjoni aħħarija tal-kelma, bħalma jiġri fin-nom "frawli" /frɐwˈliː/. Permezz ta' din il-bidla vokalika jidher li l-Imġarrin għandhom it-tendenza li jkarkru l-vokali aħħarija, li hija tendenza li dehret ukoll fil-vokali warranija /uː/. Mill-banda l-oħra l-aktar kuntesti komuni fejn l-/iː/ okkorriet minflok l-/ɪː/ kienet fi kliem monosillabiku fl-ambjent tal-glottali /ʔ/, kif jidher fil-kelma "żliq" /zliːʔ/. Tajjeb jingħad li din il-bidla vokalika dehret ukoll fi kliem polisillabiku, kif jixhed l-aġġettiv "sabiħa" /sɐˈbiːħɐ/.

B'kuntrast mal-vokali /iː/, il-vokali /y/ fl-Imġarri ma tantx għandha frekwenza għolja, imma xorta nstabet f'żewġ kuntesti differenti: minflok l-/uː/ u l-/ʊ/ tal-Istandard. Fil-każ tal-ewwel possibbiltà, il-bidla vokalika seħħet f'ambjent aċċentat, iżda fit-tieni possibbiltà ġeneralment tidher f'kuntest mhux aċċentat u fil-pożizzjoni aħħarija tal-kelma, kif jidher fil-kliem "jgħidulu" /jɛjˈdylʊ/ u "veru" /ˈvɪːry/ rispettivament.

Minkejja li f'ċerti kuntesti l-vokali /ɪ/ fl-Imġarri għandha l-istess realizzazzjoni bħal dik tal-Malti Standard, kif jidher fin-nom "xita" /ˈʃɪtɐ/, tista' tidher ukoll f'diversi kuntesti differenti. Mill-banda l-oħra, il-vokali /ɪː/ mhijiex daqstant frekwenti fl-Imġarri, imma għandha distribuzzjoni li tixbah ħafna lil dik tal-Istandard, kif jidher fin-nom "ħnieżer" /ˈħnɪːzɪr/.

L-akbar ammont ta' eżempji nstab meta l-vokali /ɪ/ fl-Imġarri dehret minflok l-/ɛ/ tal-Malti Standard, kif jidher fin-nom plural "flieles" /ˈflɪːlɪs/. Barra minn hekk, il-vokali /ɪ/ tista' tokkorri minflok l-/ɔ/ tal-Malti Standard, meta din tkun fis-sillaba aħħarija, ħafna drabi bħala parti mill-klitik tal-verbi, kif jidher fil-verb "issibilhom" /ɪssɪˈbɪlɪm/. Għaldaqstant meta fil-kelma jkun hemm il-ġeminazzjoni konsonantali, instabu wkoll okkorrenzi fejn il-vokali /ɪ/ tista' tidher minflok l-/ɔ/ tal-Istandard, bħalma tixhed il-kelma "kollox" /ˈkɪllɪʃ/, fejn għal darba oħra l-kelliema Mġarrin jirrikorru għall-armonija vokalika. Apparti hekk, filwaqt li nstab l-eżempju "daqsxejn" /dɪʔˈʃɛjn/, fejn il-vokali /ɪ/ tidher minflok l-/ɐ/ tal-Istandard, instab ukoll xi kliem, pereżempju "ġunġlien" /dʒɪndʒˈlɪːn/, fejn il-vokali /ɪ/ tokkorri minflok il-vokali warranija /ʊ/ tal-Istandard. Fil-każ tal-/ɪː/ instabu kuntesti fejn tista' tokkorri l-/ɐː/, l-/iː/, l-/ɛː/ u l-/

ɔː/ tal-Malti Standard, għalkemm l-eżempji fir-rekordings ma kinux numerużi. Tant hu hekk, li nstab biss l-eżempju "damu" /ˈdɪːmʊ/ fil-każ tal-bidla vokalika minn /ɐː/ għal /ɪː/ u tliet eżempji fejn il-vokali /iː/ tal-Istandard inbidlet f'/ɪː/, kif jidher fi "knisja" /ˈknɪːsjɐ/. Mill-banda l-oħra, meta l-vokali /ɪː/ tidher minflok il-vokali /ɛː/ tal-Malti Standard, tista' tokkorri kemm fi kliem magħmul minn żewġ sillabi, bħal "speċi" /ˈspɪːtʃɪ/, kif ukoll fi kliem monosillabiku, kif jidher fil-kelma "jleqq" /jlɪːʔ/. Apparti hekk, il-vokali /ɪː/ tista' tidher ukoll minflok il-vokali /ɔː/, kif jidher fil-kelma "ukoll" /ʊˈkɪːl/.

Għall-kuntrarju tal-vokali quddemin, il-vokali /ɛ/ u /ɛː/ mhumiex daqstant frekwenti fid-djalett Imġarri u għandhom realizzazzjoni li tixbah lil dik tal-Istandard, kif jidher fil-kliem "ġebel" /ˈdʒɛbɛl/ u "reċti" /ˈrɛːtʃtɪ/. Madankollu, il-vokali /ɛ/ okkorriet ukoll minflok l-/ɐ/ tal-Istandard, fejn ħafna drabi tidher l-imala, kif jiġri fil-kelma "ħabel" /ˈhɛbɛl/. Apparti hekk, il-vokali /ɛ/ fl-Imġarri ssostitwixxiet il-vokali /ɔ/ tal-Malti Standard, kif tixhed il-kelma /kɐrrɛtˈtiː/. Min-naħa l-oħra l-fonema vokalika /ɛː/ okkorriet minflok il-vokali /ɐː/ u /ɔː/ tal-Malti Standard, kif jidher f'"għedtlek" /ˈɛːtlɪk/ u "tgħoddu" /ˈtɛːddʊ/, rispettivament. Għaldaqstant, bħalma tixhed il-kelma "biex" /bɛːʃ/, il-vokali /ɛː/ tista' tokkorri minflok l-/ɪː/ tal-Istandard. Interessanti li fil-każijiet kollha li seħħet fihom din il-bidla vokalika, wara l-vokali /ɛː/ kien hemm il-preżenza tal-konsonanti frikattiva u postalveolari /ʃ/.

Filwaqt li fl-Imġarri l-vokali /æ/ tokkorri b'mod frekwenti minflok il-fonemi vokaliċi /ɐ/ u /ɛ/ tal-Malti Standard, l-/æː/ għandha frekwenza daqsxejn anqas minnha, u ġeneralment tidher minflok l-/ɐː/ u l-/ɛː/ tal-Malti Standard. F'diversi każijiet il-vokali /æ/ tidher fil-pożizzjoni aħħarija tal-kelma, kif jidher fil-kelma "xita" /ˈʃɪtæ/, iżda tista' tokkorri wkoll bħala l-ewwel, it-tieni jew l-aħħar sillaba fil-kelma, kif jindikaw il-kliem "faċendiet" /fætʃɛnˈdɪːt/, "inħalli" /ɪnˈhællɪ/, "wieqaf" /ˈwiːʔæf/, rispettivament. Għal darba oħra, ġie osservat li l-kelliema Mġarrin jirrikorru għall-armonija vokalika, kif jixhed in-nom "ġebla" /ˈdʒæblæ/. Min-naħa l-oħra, il-vokali /æː/ tista' tidher fi kliem monosillabiku bħal f'"ġenn" /dʒæːn/, fejn tissostitwixxi l-vokali /ɛː/ tal-Malti Standard. Tajjeb jingħad li f'dan il-kuntest il-ġeminazzjoni konsonantali tal-Istandard ma tibqax preżenti minħabba t-tul vokaliku. Barra minn hekk, tista' tokkorri fi kliem polisillabiku fl-ambjent tal-ġeminazzjoni konsonantali, pereżempju "hemmhekk" /æˈmæːk/ u fis-suffissi Rumanzi, kif tindika l-kelma "propjament" /prʊpjɐˈmæːnt/. Madankollu meta l-vokali /æː/ tidher

minflok il-fonema vokalika /ɐː/, ġeneralment tokkorri fejn tkun preżenti l-konsonanti siekta "għ", kif jiġri fil-verb "tagħmel" /ˈtæːmɪl/. Barra minn hekk, tajjeb jissemma l-uniku eżempju li nstab ("nogħrok" /ˈnæːrɪk/) fejn il-vokali /æː/ okkorriet minflok l-/ɔː/ tal-Istandard.

Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet il-vokali /ɐ/ u /ɐː/ fl-Imġarri għandhom distribuzzjoni li tixbah ħafna lil dik tal-Malti Standard, kif jixhdu l-kliem "imħabbtin" /ɪmhɐpˈtiːn/ u "nagħġa" /ˈnɐːdʒɐ/, rispettivament. Madankollu kif jindika l-verb "bela'" /ˈbala/, il-fonema vokalika /ɐ/ okkorriet ukoll minflok l-/ɛ/ tal-Istandard, fejn fil-maġġoranza tal-eżempji dehret l-armonija vokalika, sħiħa jew parzjali. Mill-banda l-oħra, il-vokali /ɐː/ f'din il-varjetà djalettali dehret minflok il-vokali f'oppożizzjoni għaliha /ɐ/ fi kliem polisillabiku. Ġie osservat li l-aktar eżempji komuni li nstabu b'din il-bidla vokalika kienu fejn ortografikament ikun hemm il-preżenza tal-konsonanti silenzjuża "għ", bħalma jidher fil-kelma "ngħaffeġ" /ˈnɐːffɪtʃ/. Barra minn hekk, instab l-eżempju "logħob" /lɐːp/ fejn din il-vokali okkorriet minflok dik warranija u ttundjata /ɔ/.

Il-vokali /ɔ/ u /ɔː/ fl-Imġarri wkoll għandhom realizzazzjoni li tixbah lil dik tal-Malti Standard, kif jidher f'"roqgħa" /ˈrɔʔɐ/ u "ħobż" /hɔːps/, rispettivament. Għaldaqstant, għalkemm l-eżempji ma kinux numerużi, il-vokali /ɔ/ f'din il-varjetà djalettali okkorriet ukoll minflok l-/ɐ/ u l-/ɪ/ tal-Istandard, kif jidher fil-kliem "ta" /tɔ/ u "tidra" /ˈtɔdrɐ/, rispettivament. Fil-każ tal-vokali /ɔː/, deher li fl-Imġarri tokkorri minflok il-vokali /ɐː/ tal-Istandard, bħalma jixhed il-verb "tah" /tɔːh/. Tajjeb jingħad li fir-rekordings ma tantx instabu okkorrenzi b'dan il-par vokaliku, bħalma ġara fil-każ tal-/ɛ/ u /ɛː/. Dan jista' jkun minħabba li dawn il-vokali mhumiex ġejjin mill-Għarbi, imma mit-Taljan.

B'kuntrast mal-vokali /ɔ/ u /ɔː/, il-fonemi /ʊ/ u /ʊː/ fl-Imġarri għandhom frekwenza komuni ħafna. Għalkemm dan il-par vokaliku fl-Imġarri jista' jokkorri bħal fil-Malti Standard, kif jidher fin-nom "numru" /ˈnʊːmrʊ/, l-okkorrenza tagħhom hija akbar f'kuntesti differenti. Tant hu hekk, li l-vokali /ʊ/ tista' tokkorri minflok l-/ɐ/, l-/ɪ/ u l-/ɔ/ tal-Istandard, bħalma jidher fil-kliem "batejt" /bʊˈtɐjt/, "nibża'" /ˈnʊbzɐ/ u "joqrob" /ˈjʊʔrʊp/, rispettivament. Apparti hekk, bħalma jixhed il-verb "nieħu" /ˈnʊhʊ/, l-/ʊ/ dehret ukoll fl-inflessjonijiet tal-verb, fejn il-kunjugazzjoni fl-Imġarri ssir permezz ta' din il-vokali minflok bl-/ɪː/, kif jiġri fl-Istandard. Min-naħa l-oħra, fil-maġġoranza tal-każijiet, l-/ʊː/ okkorriet minflok l-/ɐː/ tal-Istandard, bħalma jiġri fin-nom "sinjali" /sɪnˈjʊːlɪ/. Madankollu, instab ukoll xi kliem fejn l-/ʊː/ tissostitwixxi

l-/ɔː/ tal-Malti Standard, kif iseħħ fil-kelma "filgħodu" /fɪˈlʊːdʊ/.

L-aħħar vokali li tappartjeni għad-djalett Imġarri hija l-/uː/, li wkoll tokkorri b'mod pjuttost frekwenti fid-djalett Imġarri. F'diversi kliem għandha realizzazzjoni li tixbah lil dik tal-Malti Standard, kif jidher fil-kelma "irħula" /ɪrˈhuːlɐ/, iżda f'oħrajn tista' tissostitwixxi l-/ɐː/, l-/ɔː/, l-/ʊ/ u anke l-/ʊː/ tal-Istandard. L-aktar eżempji komuni huma meta l-bidla vokalika saret mill-/ʊ/ tal-Malti Standard għall-/uː/, b'mod partikolari fil-pożizzjoni aħħarija tal-kelma, kif jidher fil-verb "naħmu" /nɛhˈmuː/. Fil-każ tat-tliet kuntesti l-oħra, l-eżempji ma tantx kienu numerużi. Madankollu meta l-/uː/ dehret minflok l-/ɐː/ u l-/ɔː/, din kienet ristretta għall-klitiks tal-verbi, kif jixhdu l-verbi "taraha" /tɐˈruːwɐ/ u "jużahom" /jʊˈzuːwɪm/, rispettivament. Interessanti li l-kelliema tal-Imġarri ma jistgħux jagħmlu użu mill-iperkorrezzjoni bħalma jagħmlu diversi Maltin meta jlissnu kliem bħal "tordnaha" /tɔrdˈnɐhhɐ/ permezz tal-farinġali /h/. Apparti minn hekk, din il-vokali warranija dehret ukoll minflok l-/ʊː/ tal-Istandard fl-ambjent tal-glottali /ʔ/, bħalma jidher fil-kelma "fuqu" /ˈfuːʔʊ/, jew fl-ambjent tal-farinġali /h/, kif jiġri f'"jorbtuh" /jɔrpˈtuːh/.

## 5. Konklużjoni

Minħabba li din ir-riċerka djalettali kienet l-ewwel waħda fonetika u fonoloġika, ħarġu diversi osservazzjonijiet interessanti dwar id-djalett tal-Imġarr. L-ewwel nett ġie stabbilit li din il-varjetà djalettali tħaddan ħmistax-il vokali f'oppożizzjoni. Minkejja li s-sistema vokalika tad-djalett Imġarri hija identika għal dik tad-djalett ta' Ta' Sannat u t'Għajnsielem, permezz tal-analiżi fonoloġika deher kif kull vokali titħaddem b'mod tipiku għal dan id-djalett mitkellem fil-Punent ta' Malta. Barra minn hekk, mill-analiżi fonoloġika tal-vokali deher kif dan id-djalett għadu jħaddan ċertu elementi konservattivi, għalkemm hemm imnejn li xi aspetti fonetiċi li baqgħu jintirtu minn ġenerazzjoni għall-oħra, bdew jonqsu. Fl-aħħar mill-aħħar, permezz ta' dan l-istudju deher kif dan id-djalett huwa mogħni b'karatteristiċi tipiċi, li jiddistingwuh minn varjetajiet djalettali oħra.

## Referenzi


Azzopardi-Alexander, M. "The Vowel System of Xlukkajr and Naduri." F'S. Caruana, R. Fabri u T. Stolz (Ed.), *Variation and Change: The Dynamics of Maltese in Space, Time and Society*, pp. 235-254. Berlin: Akademie Verlag GmbH, 2011.

Eckert, P. "Age as a Sociolinguistic Variable". F'F. Coulmas (Ed.), *The Handbook of Sociolinguistics.* Oxford u Cambridge, MA: Blackwell Publishing, 1998.

Evans Wagner, S. "Age Grading in Sociolinguistic Theory." *Language and Linguistics Compass*, pp. 371-382. Sors miġjub fl-2012 minn https://pdfs.semanticscholar.org/50e4/69d10809529292497f7af73d8cf11306 98cc.pdf

Farrugia, R. *Aspetti soċjolingwistiċi fid-djalett ta' Sannat u s-sistema vokalika tiegħu.* Teżi tal-Baċellerat. Malta: l-Università ta' Malta, 2010.

Fasold, R.W, u Connor-Linton, J. *An Introduction to language and linguistics* (Is-6 edizzjoni). L-Ingilterra: Cambridge University Press, 2013.

Gibbon, D. "Can there be Standards for Spontaneous Speech? Towards an Ontology for Speech Resource Exploitation." *Linguistic Patterns in Spontaneous Speech*, pp. 1- 25. Taiwan: Universität Bielefeld, 2009.

Grech, D. *Aspetti Soċjolingwistiċi tad-Djalett t'Għajnsielem u s-Sistema Vokalika Tiegħu.* Teżi tal-Baċellerat. Malta: l-Università ta' Malta, 2019.

Incorvaja, W. *Ix-Xlukkajr: Is-Sistema Vokalika u Differenzi Lessikali.* Teżi tal-Baċellerat. Malta: l-Università ta' Malta, 2007.

Revell, E. "The Occurrence of Pausal Forms." *Journal of Semitic Studies* LVII/2 , pp. 213-230. Sors miġjub fl-2012 minn https://www.researchgate.net/publication/273035754_The_Occurrence_of_Pausal_Forms

Starks, D., u McRobbie-Utasi, Z. "Collecting sociolinguistic data: Some typical and some not so typical approaches." Sors miġjub f'Jannar 2001 minn https://www.researchgate.net/publication/238597129_Collecting_sociolinguistic_dat a_Some_typical_and_some_not_so_typical_approaches.